MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## MARK CHETCUTI

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2014

Citazzjoni Numru. 693/2014

**Kaptan Massimiliano Bani rapprezentat hawn Malta**

**mill-mandatarju specjali tieghu**

**l-Avukat Dottor Jonathan Thompson**

**vs**

**Highland Lassie Limited u Idroj Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur tal-5 ta' Awwissu 2014 li jghid hekk:

1. Illi s-socjeta intimata Highland Lassie Limited hija proprjetarja tal-bastiment M/Y Frivolous, registrat hawn Malta bin-numru ufficjali 14637;

2. Illi s-socjeta intimat Idroj Limited, hija proprjetarja tal-bastiment M/Y Seaflower, registrat hawn Malta u li ghandu numru tal-IMO 1007067 u numru ufficjali 735449;

3. Illi il-persuna li ghandha l-kontroll effettiv ta' dawn iz-zewg kumpanniji proprjetarji tal-bastiment M/Y Frivolous u M/Y Seaflower huwa certu Lord Irvine Laidlow, Lord Laidlaw of Rothiemay, u dan kif jirrizulta minn diversi emails fejn l-istess Lord Laidlaw kien jaghti struzzjonijiet lill-esponenti u jirreferi ghal-yachts bhala tieghu;

4. Illi l-Kaptan Massimiliano Bani kien impjegat bhala kaptan tal-bastiment M/Y Frivolous sa minn Gunju tas-sena 2013 u dan kif jidher mil-lista tal-ekwipagg hawn annessa u mmarkata bhala Dok A;

5. Illi kontestwalment mal-bidu tal-impieg tieghu fuq il-bastiment M/Y Frivolous, il-Kaptan Bani kien inghata prokura datata 9 ta' Lulju 2013 sabiex jamministra l-istess bastiment, liema prokura qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok. B;

6. Illi sussegwentament l-esponenti inghata l-kmand ta' bastiment iehor bl-isem M/Y Seaflower, proprjeta tal-kumpannija Idroj Limited, it-tieni kumpannija intimata f'din il-kawza u dan kif johrog car mill-email ta' Lord Laidlaw lill-esponenti datata 28 ta' Gunju 2014 li qed tigi hawn annessa u mmarkata Dok C;

7. Illi kuntestwalment mal-impjieg tieghu fuq il-bastiment M/Y Seaflower, l-istess Kaptan Bani inghata prokura ohra datata 27 ta' Gunju 2014 sabiex jamministra l-bastiment, kopja ta' din il-prokura qed tigi hawn annessa u mmarkata Dok D;

8. Illi s-salarju mensili tal-esponenti, kemm meta kien impjegat bhala kaptan ta' M/Y Frivolous kif ukoll meta kien impjegat bhala kaptan ta' M/Y Seaflower dejjem thallas mill-istess 'service provider' ossia Specialised Transportation Limited u dan kif jidher mill-estratti tal-kont bankarju tal-istess esponenti li qed jigu hawn annessi u mmarkati Dok E1-E5;

9. Illi fl-erbgha (4) ta' Lulju 2014, il-Kaptan Bani gie intimat verbalment mis-surreferit Lord Laidlow sabiex jizbarka minn M/Y Seaflower;

10. Illi l-istess Kaptan Bani ma inghata ebda raguni valida ghalfejn gie zbarkat;

11. Sussegwentement, il-Kaptan Massimiliano Bani gie ordnat kategorikament minn Lord Irvine Laidlaw biex ma jahdimx iktar, biex ma jersaqx iktar lejn u biex jitlaq immedjatament minn fuq M/Y Frivolous u kwalsijasi bastiment iehor ta' Lord Irvine Laidlaw, skont l-email tas-16 ta' Lulju 2014 mibghuta minn Lord Irvine Laidlaw lill-Kaptan Massimiliano Bani liema email qed tigi hawn annessa u mmarkata Dok F;

12. Illi din it-terrninazzjoni hija infondata, ingusta, illegali u abuziva;

13. Illi di piu meta l-Kaptan Massimiliano Bani pprova jikkomunika ma' Lord Irvine Laidlaw fit-18 ta' Lulju 2014 tramite email, ircieva komunikazzjoni minghand konsulenti legali Inglizi permezz ta' liema gie nfurmat li kienu qed jigi revokati iz-zewg prokuri surreferiti b'effett mill-21 ta' Lulju 2014, kopji tar-revoki qed jigu hawn annessi u mmarkati Dok. G1 u G2;

14. Illi wara li talab Ii jithallas ta' xoghlu u jinghata kumpens ekwu ghat-terminazzjoni abuziva tal-impjieg tieghu il-Kaptan Bani gie offrut somma ta' hmistax-il elf u mitejn u hamsin ewro (€15,250.00) suggett Ii jiffirma kuntratt fejn jirrinuncja ghal-kwalsijasi dritt jew taiba kontra l-kumpannija, liema somma giet trasferita direttament fil-kont bankarju tal-esponenti nonostante il-kontestazzjoni u r-rifjut tal-ammont mill-esponenti;

15. Illi I-istess Kaptan Bani kategorikament irrifjuta din l-offerta bhala wahda inekwa u ingusta permezz tal-ittra datata 31 ta' Lulju 2014 kopja ta' liema qed tigi hawn annessa u mmarkata Dok H;

16. Illi l-esponenti Kaptan Bani ghaldaqstant qieghed umilment jitlob is-somma ta' mija u ghaxart elef ewro (€110,000), rapprezentanti pagi mhux imhallsin, pagi dovuti ta' vakanzi rnhux mehudin, spejjez u danni sofferti minnu ghat-terminazzjoni ingusta u abuziva tal-impjieg tieghu;

17. Illi din il-pretensjoni tal-esponenti fil-konfront tal-bastiment hija koperta bi privilegg ai termini taI-artikolu 50(h) tal-Kap. 234 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk hemm lok ghal azzjoni ai termini tal-artikolu 37 tal-Kap. 234 tal-Ligijiet ta' Malta permess li l-kriterji tal-artikolu 37(10)(a)(iv) huma sodisfatti u ghalhekk konsegwentement dina l-Onorabbli Qorti ghandha s-setgha Ii tipprojbixxi kull negozju dwar bastimenti jew sehem fih;

18. Illi sa fejn jaf l-esponenti l-uniku assi tas-socjetajiet intimati huma l-bastimenti M/Y Frivolous u M/Y Seaflower u jekk jsir il-bejgh jew trasferiment tal-bastimenti jew trasferiment ta' ishma fil-bastimenti, il kreditu li l-esponenti qieghed jitlob jigi eluz.

Jghidu ghalhekk is-socjetajiet konvenuti ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandiex:

(i) Tordna li ma jsir ebda negozju u tipprojbixxi kull negozju, bejgh jew self fir-rigward tal-bastimenti M/Y Frivolous u M/Y Seaflower u fir-rigward ta' kull sehem fl-istess bastimenti kif ukoll ma jigux kostitwiti u registrati mortgages fuq l-istess bastimenti u lanqas jinhareg ebda deletion certificates u dan taht il-kundizzjonijiet u pattijiet li jidhrilha xierqa u opportuni u skont l-artikolu 37 tal-Kap. 234 tal-Ligijiet ta' Malta;

(ii) Tordna li kull ordni maghmul minn dina l-Onorabbli Qorti jigi notifikat lir-Registratur tal-Bastimenti Merkantili u tal-Bahrin a tenur tal-istess artikolu 37 tal-Kap. 234 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tar-rikors konguntiv li qed jigi pprezentat ghall-hrug ta' ordni provvizorja, kontra s-socjetajiet intimati li jibqghu ngunti minn issa ghas-subizzjoni.

Rat l-atti u dokumenti esebiti;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Din hi talba ta’ kaptan ta’ zewg bastimenti appartenenti lis-socjetajiet intimati sabiex jigu ordnati li ma jsirx negozju fuq il-bastiment M/Y Frivolous u M/Y Seaflower peress illi hu ghandu pretensjoni kontra l-istess socjetajiet intimati ghal hlas ta’ pagi, spejjez u danni ghal terminazzjoni ingusta dovuta lilu mill-istess socjetajiet. Qed jikkontendi illi din il-prestensjoni hi koperta bi privilegg ai termini tal-artikolu 50(h) tal-Kap. 234 li tkopri pagi ghal impjieg fuq vapur. Dan kollu jaghti lok ghall-azzjoni odjerna ai termini tal-artikolu 37(10(a)(iv) cioe kull talba li hi koperta bi privilegg fuq il-vapur skond il-ligi Maltija.

L-attur esibixxa fost affarijiet ohra lista tal-ekwipagg fuq il-vapur M/Y Frivolous datat 18 ta' Lulju 2013 (Dok. A a fol. 6 tal-process), prokura mis-socjeta Highland Lassie Limited favur ir-rikorrenti biex jamministra l-vapur datata 9 ta' Lulju 2013 (Dok. B. a fol. 8 tal-process), e-mail ta' Irvine Laidlaw li skond ir-rikorrenti hu beneficial owner tas-socjetajiet intimati li jikkonferma l-ingagg tar-rikorrenti bhala kaptan tal-vapur Seaflower (Dok. C a fol. 9 tal-process), kif ukoll prokura ghall-amministrazzjoni tal-istess vapur (Dok. D a fol. 10 tal-process) gew esebiti wkoll hlasijiet maghmula lir-rikorrenti (Dok. E1 sa Dok. E5). Fl-ahhar gew esebiti wkoll zewg revoki tal-prokuri msemmija aktar il-fuq Dok. G1 sa G2 li taw lok ghall-azzjoni odjerna.

Il-Qorti hi tal-fehma li gie stabbilit relazzjoni prima facie kuntrattwali bejn ir-rikorrenti u l-intimati li tat lok ghal pretensjoni fil-mertu tar-rikorrenti. Il-Qorti taghmilha cara li din mhix kawza fil-mertu izda biss talba ghal provvediment kawtelatorju fil-konfront ta' kumpaniji marittimi fuq il-vapuri proprjeta taghhom minhabba pretensjoni pekunjarja li minn natura taghha twassal ghal otjenement ta' dan il-provvediment.

L-eccezzjonijiet jirrigwardaw principalment il-mertu tat-talbiet tar-rikorrenti. Dwar dan il-Qorti mhix ser tippronuncja ruhha ghaliex mhux il-mertu ta' din l-azzjoni. Ir-rikorrenti jrid jippruva biss pretensjoni li tista' twassal biex jintlaqa' l-hrug tal-ordni ta' protezzjoni tal-kreditu pretiz minnu fuq il-vapuri proprjeta tas-socjetajiet intimati. Ir-rikorrenti ipprezenta dokumenti ta' hlasijiet li juru prima facie pretensjonibazata fuq stat fattwali. Jekk tali pretensjoni hix gustifikata hi kwistjoni li trid tigi deciza fl-azzjoni ad hoc li trid issir.

Jirrizulta ukoll mill-atti illi r-rikorrenti pprezenta azzjoni fuq il-mertu entro t-terminu ta' tletin jum mill-ordni provvizjorju. Il-Qorti tirrileva illi l-fatt li s-socjetajiet intimati ipprezentaw garanzija monetarja skond il-ligi flok iz-zamma tal-vapuri ma jbiddel xejn minn natura ta' din l-azzjoni u jibqghu japplikaw l-istess principji in kwantu ghal garanzija.

Billi ghalhekk ma hemmx eccezzjonijet li jxejnu d-dritt prima facie muri mir-rikorrenti, il-Qorti tqis li t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jintlaqghu pero mhux kif mitluba fuq il-vapuri liema

ordni ma tistax issir minhabba l-garanzija maghmula b'cedola ta' depozitu numru 1076/2014 fis-somma ta' €110,000 fejn allura gie revokat id-digriet provvizjorju tal-5 ta' Awwissu 2014 bid-digriet contrario imperio ta' din il-Qorti tal-25 ta' Awwissu 2014. Minflok it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom ikunu koperti fuq il-garanzija ai termini tal-artikolu 37(4) tal-Kap. 234.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti taqa' u tiddeciedi billi tichad l- eccezzjonijiet tas-socjetajiet intimati, u tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti mhux kif maghmula fuq il-bastimenti M/Y Frivolous u M/Y Seaflower izda limitatament u specifikament fuq il-garanzija moghtija mill-istess intimati b'depozitu maghmul b'cedola numru 1076/2014 fis-somma ta' €110,000 u dan ai termini tal-artikolu 37(4) tal-Kap. 234.

Il-Qorti tordna lir-Registratur tal-Bastimenti Merkantili jigi notifikat b'din is-sentenza. Spejjez ta' din il-kawza jithallsu mis-socjetajiet intimati.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------